



Brussell, 5 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7301/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0007(NLE)

SCH-EVAL 54
ENFOPOL 109
FRONT 70
IXIM 77
CORDROGUE 35
COMIX 120

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6901/24 +COR 1 + COR 2	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal- aħjar prattiki identifikati fl-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2023 tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT għall- ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki identifikati fl-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2023 tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Unjoni, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Marzu 2024.

F'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki identifikati fl-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2023 tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-2023 twettqet evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Unjoni. Wara l-evalwazzjoni tematika, ġie adottat rapport li jinkludi l-valutazzjoni u li jelenka l-aħjar prattiki identifikati waqt l-evalwazzjoni permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni [C(2024) 257].

¹ ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1.

- (2) L-evalwazzjoni tematika kellha l-għan li tiġbor l-aħjar prattiki tal-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi simili bil-ħsieb li jiġu identifikati soluzzjonijiet operazzjonali tajbin fil-ġestjoni tal-kapaċitajiet nazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Unjoni. L-evalwazzjoni kkontribwiet ukoll għal implimentazzjoni uniformi, armonizzata u effiċjenti tal-*acquis* ta' Schengen relatat mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, b'mod partikolari t-traffikar tad-drogi f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE u l-istandards komuni biex jiżdiedu s-sigurtà interna u l-kontroll tal-fruntieri.
- (3) L-Istati kollha li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ ġew evalwati bħala parti minn din l-evalwazzjoni tematika skont il-metodoloġija prevista fil-gwida ta' evalwazzjoni ta' Schengen¹.
- (4) It-tim ta' evalwazzjoni ħadem taħt il-koordinazzjoni ta' esperti ewlenin mill-Kummissjoni u minn Franza, u kien magħmul minn 17-il membru, inklużi esperti nazzjonali mill-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovakkja, u Spanja. Osservaturi maħtura mill-Frontex, il-Europol u l-EMCDDA/EUDA appoġġaw il-ħidma tat-tim ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, l-eu-LISA wkoll ikkontribwiet għall-evalwazzjoni tematika.
- (5) It-tim ta' evalwazzjoni żviluppa kwestjonarju mmirat u analizza t-tweġibiet li waslu mill-pajjiżi ta' Schengen evalwati. F'Ottubru 2023, saru żjarat f'erba' portijiet ewlenin fiż-żona Schengen: Rotterdam, Antwerp, Hamburg, u Marsilja, fuq stedina min-Netherlands, il-Belġju, il-Ġermanja u Franza. Is-soluzzjonijiet operattivi innovattivi osservati mit-timijiet fuq il-post tqiesu b'mod estensiv fit-tfassil ta' dawn l-aħjar prattiki.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2023) 6790 tas-16 ta' Ottubru 2023 dwar l-istabbiliment ta' gwida ta' evalwazzjoni ta' Schengen li għandha tintuża għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen.

- (6) Peress li l-kriminalità transfruntiera hija marbuta mal-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen f'diversi oqsma ta' politika, l-evalwazzjoni tematika vvalutat il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fi tliet oqsma ta' politika differenti: il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT relatati mal-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi. Ingħatat attenzjoni speċjali lill-aħjar prattiki operazzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija: l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kxif ta' reati kriminali bejn l-aġenziji rilevanti tal-infurzar tal-liġi (inkluż id-dwana) fil-livell nazzjonali u Ewropew/internazzjonali, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet operazzjonali transfruntieri (bħas-sorveljanza, kunsinni kkontrollati u operazzjonijiet konġunti), l-individwazzjoni ta' portijiet u l-analiżi tar-riskju, ir-riżorsi umani u t-taħriġ, l-istrateġiji kontra l-korruzzjoni u l-intelligence marittima kriminali.
- (7) L-aħjar prattiki miġbura ġew strutturati madwar erba' elementi kostitwenti: (1) Il-provvista ta' mezzi strateġiċi għaż-żona Schengen biex jiġi miġġieled it-traffikar tad-drogi, (2) L-immappjar tal-flussi tad-drogi illeċiti, (3) It-tarbit ta' networks kriminali upstream u downstream, u (4) Il-ħolqien ta' ostakli u ż-żieda tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi, bħala punti fokali ewlenin tal-ġlieda Ewropea kontra t-traffikar tad-drogi. Dawn l-erba' elementi kostitwenti ewlenin identifikati jenfasizzaw l-importanza ta' sforzi kkoordinati fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-UE u ma' daww fil-pajjiżi terzi tas-sors u ta' tranżitu.
- (8) L-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tenfasizza r-rwol fundamentali tal-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni fost is-servizzi tal-infurzar tal-liġi, tal-pulizija, tad-dwana u tal-gwardji tal-fruntieri b'mod integrat u koeżiv biex tiġi żgurata kooperazzjoni operazzjonali multidixxiplinari fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

- (9) L-involvement attiv tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż kumpaniji privati li joperaw f'ċentri loġistiċi, flimkien mal-ħolqien ta' ostakli u gwardjani fil-punti tad-dħul lejn l-UE, għandu l-għan li jsaħħaħ il-katina loġistika usa' u jagħmilha aktar reżiljenti kontra l-infiltrazzjoni kriminali. Iż-żieda f'daqqa bla preċedent fid-disponibbiltà ta' drogi illeċiti, b'mod partikolari l-kokaina li toriġina mill-Amerka t'Isfel, teħtieġ l-isforz konġunt tal-Istati Membri biex jaħdmu ma' sħab globali biex jimmiraw għar-rotot tal-provvista primarji tad-drogi, b'enfasi inizjali fuq is-sħab tal-Amerka Latina.
- (10) L-indirizzar effettiv tal-isfida tat-traffikar tad-drogi jeħtieġ strateġija komprensiva li tindirizza simultanjament il-kanali tad-distribuzzjoni kemm upstream kif ukoll downstream. Dan l-approċċ doppju jifforma qafas aktar effettiv u olistiku biex jiġu miġġielda l-isfidi kumplessi maħluqa mill-kummerċ tad-drogi illeċiti. L-immirar lejn is-sorsi u l-ktajjen tal-provvista upstream huwa kruċjali għat-tħarbit tal-produzzjoni u t-trasport tad-drogi lejn l-Ewropa, filwaqt li l-indirizzar tad-distribuzzjoni downstream huwa essenzjali għall-interċettazzjoni u ż-żarmar tan-networks kriminali responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni u l-bejgħ ta' sustanzi illeċiti fiż-żona Schengen. Għalhekk, huwa essenzjali li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u li jiġu żgurati investigazzjonijiet bir-reqqa biex jiġu żarmati n-networks tal-kriminalità organizzata involuti fit-traffikar u d-distribuzzjoni tad-drogi u jitħarbtu l-mudelli kummerċjali tagħhom.
- (11) L-*acquis* ta' Schengen u l-għodod Ewropej eżistenti mfassla biex jiġġieldu l-kriminalità organizzata jirrappreżentaw riżorsi siewja għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi. Madankollu, biex l-impatt tagħhom jiġi massimizzat wieħed irid imur lil hinn mill-applikazzjoni attwali tagħhom. Dan ifisser li jsiru aktar effettivi bl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u kreattivi fil-proċeduri operazzjonali.

- (12) Billi l-għan primarju ta' din l-evalwazzjoni tematika ta' Schengen kien li tiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki, jenħtiegħ li s-segwitu u l-monitoraġġ ukoll ikunu proporzjonati għall-iskop tagħha. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw il-valur miżjud u l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki fil-qafas nazzjonali tagħhom, f'konsultazzjoni, fejn ikun rilevanti, mal-Istati Membri li diġà implimentawhom. L-Istati Membri huma mbagħad mistiedna jressqu l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom fi żmien tliet xhur wara li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ. Jenħtiegħ li dawk il-pjanijiet ta' azzjoni jsegwu l-istruttura tal-erba' elementi kostitwenti msemmija hawn fuq u jindikaw għal kull wieħed minn dawk l-elementi l-aħjar prattiki li l-Istati Membri beħsiebhom jadottaw jew diġà adottaw, u jispjegaw kif beħsiebhom jimplimentaw jew kif implimentaw l-aħjar prattiki identifikati rilevanti fl-oqfsa legali u operazzjonali nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jsemmu fil-pjan ta' azzjoni r-raġunijiet li ma jippermettulhomx jimplimentaw l-aħjar prattiki identifikati f'din ir-rakkomandazzjoni.
- (13) Ser isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki permezz ta' evalwazzjonijiet minn żmien għal żmien skont il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali.
- (14) Jenħtiegħ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

JIRRAKKOMANDA

li r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja u l-Konfederazzjoni Żvizzera janalizzaw l-aħjar prattiki stipulati fl-anness ta' din id-Deċiżjoni u jikkunsidraw l-implimentazzjoni tagħhom fl-oqfsa legali u operazzjonali nazzjonali tagħhom.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Ġew identifikati l-aħjar prattiki li ġejjin fil-qafas tal-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2023 tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fl-Unjoni:

I. L-għoti ta' mezzi strateġiċi liż-żona Schengen biex jiġi miġġieled it-traffikar tad-drogi

1. L-adozzjoni kemm ta' strateġija nazzjonali "offensiva" kif ukoll waħda "difensiva" dwar id-drogi li jkollha l-għan li żżarma n-networks kriminali involuti fit-traffikar tad-drogi u tibni ostakli, speċjalment f'ċentri loġistiċi. L-istrateġija nazzjonali dwar id-drogi ssegwi approċċ multidixxiplinari, li jgħaqqad il-prevenzjoni, l-interdizzjoni, u l-kooperazzjoni internazzjonali.
2. L-adattament tal-qafas legali biex jiġi żgurat li l-għodod legali meħtieġa u t-tekniki investigattivi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku jiġu aġġornati u jkunu disponibbli biex jappoġġaw l-investigazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali dwar it-traffikar tad-drogi, imfassla għall-ħtiġijiet operazzjonali.
3. Il-konklużjoni ta' ftehimiet interministerjali jew memoranda ta' qbil biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji.
4. L-iżvilupp ta' struttura nazzjonali ċentralizzata integrata u multidixxiplinari kontra n-narkotiċi li tinkludi, fost oħrajn, il-ġudikatura, il-pulizija, id-dwana, l-unità finanzjarja, il-gwardji tal-kosta, u l-unitajiet tal-intelligence kriminali, b'setgħat investigattivi u ta' tfassil ta' politika/konsultattivi xierqa.
5. L-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni integrati kontra t-traffikar tad-drogi li jkun fihom objettivi strateġiċi li għandhom jinkisbu permezz ta' approċċ inkrementali, li jsarraf ir-reazzjonijiet politiċi fi ħtiġijiet lokali.
6. Il-promozzjoni tal-metodu "minn isfel 'il fuq" fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali b'enfasi qawwija fuq il-koordinazzjoni, il-kollaborazzjoni, u viżjoni kondiviża fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi.
7. L-allokkazzjoni tal-fondi allokatu meħtieġa għall-pjanijiet ta' azzjoni, li jippermettu kooperazzjoni bla xkiel bejn l-aġenziji bl-użu ta' metodi ta' ħidma innovattivi adattati għall-parametri varjabbli tas-suq tad-drogi u għall-*modus operandi* dejjem jevolvi tat-traffikanti.
8. L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali, bi prijoritizzazzjoni tal-komponent "offensiv".

II. L-immappjar tal-flussi tad-drogi illeċiti

1. Il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni biex jiġi żgurat rispons unifikat u effettiv għall-isfidi emerġenti u t-tfassil ta' pjanijiet konġunti ta' rispons għat-theddidiet.
2. L-istabbiliment ta' struttura nazzjonali b'diversi aġenziji li tanalizza r-riskju u t-theddida kif ukoll tikkordina l-intelligence. L-istruttura tingħata setgħa bis-saħħa ta' sistema ta' informazzjoni ċentralizzata biex timmaniġġja b'mod effettiv id-data u l-intelligence billi tintegra data strateġika u operazzjonali minn sorsi differenti, u li tippermetti l-ħolqien ta' indikaturi tar-riskju u ta' profili, u li tiffaċilita l-produzzjoni ta' rapporti analitiċi.
3. L-implimentazzjoni ta' metodi awtomatizzati għall-ġbir tad-data fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali biex tingħabar data statistika u informazzjoni operazzjonali relatata mat-traffikar tad-drogi. L-użu ta' pjattaforma tal-IT b'indikaturi tar-riskju awtomatizzati inkorporati.
4. It-tixrid ta' informazzjoni u analiżi aġġornati ta' spiss fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jippermettu fehim komuni tat-theddida u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' profili tar-riskju u indikaturi.
5. L-integrazzjoni sistematika ta' għodod fil-livell tal-UE fi proċeduri nazzjonali biex tiġi riċevuta u kondiviża informazzjoni addizzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga (eż. is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri), b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgurar ta' rapportar sistematiku ta' sekwestri ta' drogi fil-fruntieri esterni fis-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) għal stampa komprensiva tas-sitwazzjoni.

III. It-tħarbit tan-networks kriminali upstream u downstream

1. L-integrazzjoni tal-konsultazzjoni sistematika tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-proċeduri doganali, inkluż kontroverifiki ta' kontejners.
2. It-twettiq ta' verifiki awtomatiċi fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u fil-bażijiet tad-data nazzjonali għad-dħul u l-ħruġ kollu tal-vetturi f'ċentri loġistiċi permezz ta' kameras awtomatizzati li jirrikonnoxxu l-pjanċi, li potenzjalment isibu hit b'rapport assoċjat.
3. L-ġhoti ta' aċċess dirett u deċentralizzat għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni u s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol għall-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' traffikar tad-drogi fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali.

4. L-għoti sistematiku ta' informazzjoni relatata mal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni tat-traffikar tad-drogi lill-Europol u lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.
5. L-implimentazzjoni ta' proċeduri standardizzati u komuni fil-livell nazzjonali biex jiġu identifikati, prijoritizzati u mmirati individwi, gruppi, u networks li jippreżentaw l-oġġla theddida ta' kriminalità organizzata. Dan l-approċċ iservi bħala l-bażi għall-kunċetti ta' mira ta' importanza kbira u ta' task force operazzjonali fil-livell tal-UE użati mill-Europol.
6. L-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa fil-livell nazzjonali biex tiġi infurzata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/915 dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi fil-kuntest tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni tat-traffikar tad-drogi.
7. Il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali/multilaterali biex tiġi ffaċilitata aktar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra għall-fini tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni tat-traffikar tad-drogi.
8. Parteċipazzjoni attiva fiż-żewġ prijoritajiet tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) dwar it-traffikar tad-drogi, u fil-prijorità orizzontali li tiffoka fuq networks kriminali ta' riskju għoli u t-task forces operazzjonali relatati tal-Europol. Isir użu sħiħ mill-appoġġ analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku pprovdut mill-Europol.
9. Kooperazzjoni operazzjonali integrata ma' sħab ewlenin barra mill-Unjoni Ewropea tul ir-rotot tat-traffikar tad-drogi, inkluż il-pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu.
10. Tisħiħ tal-użu u l-kapaċità ta' tekniki investigattivi speċjali u intrużivi sabiex jiżarmaw in-networks kriminali.

IV. Il-ħolqien ta' ostakli u ż-żieda tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi

- Kooperazzjoni bejn is-servizzi bejn l-aġenziji nazzjonali rilevanti tal-infurzar tal-liġi (inkluż id-dwana) fiċ-ċentri loġistiċi

1. L-istabbiliment ta' task forces bejn l-aġenziji biex iwettqu investigazzjonijiet konġunti f'żoni ta' riskju għoli, bħaċ-ċentri loġistiċi, u l-għoti lil daww it-task forces ta' aċċess dirett mill-bogħod għall-bażijiet tad-data nazzjonali u għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.
2. L-istabbiliment ta' sistema komuni ta' ġestjoni tal-każijiet għal proċedimenti relatati mad-drogi li tkun aċċessibbli għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji kollha nazzjonali.

3. L-integrazzjoni tal-informazzjoni tal-pulizija fis-sistemi tal-ġestjoni tal-fruntieri biex jinħarġu twissijiet u jinħolqu profili tar-riskju dwar il-flussi ta' drogi illeċiti fil-fruntieri.
4. L-implimentazzjoni ta' tagħmir avanzat għall-kxif u s-sorveljanza għall-infurzar tal-liġi fuq il-post, inkluż l-użu ta' sistema ta' kameras b'ċirkwit magħluq tul il-perimetru u fil-portijiet, flimkien ma' teknoloġiji intelliġenti bħal, fost oħrajn, vetturi mġhammra apposta, u droni. L-iżgurar ta' aċċess estensiv, u fejn ikun possibbli, mill-bogħod għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-filmati għall-iskop tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati relatati mad-drogi.
5. Kontroll imtejjeb tal-aċċess għal żoni tal-port ta' riskju għoli, li jippermetti d-dħul għal persunal ikklerjat u awtorizzat biss, bl-użu ta' metodi innovattivi bħall-bijometrika, u awtentikazzjoni b'żewġ fatturi.
6. L-introduzzjoni ta' "projbizzjoni tal-port" bħala piena aċċessari maħsuba biex tindirizza reati relatati mad-drogi, li tipprevjeni lil persuni suspettati u kriminali kkundannati milli jkomplu jkunu ta' riskju għas-sigurtà tal-port.
7. It-tisħiħ tas-sistema ta' sorveljanza marittima, biex titrawwem kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ewlenin involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi fil-qasam marittimu u jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni.

- Sħubijiet effettivi pubbliċi-privati

8. Is-settur privat jiġi mistieden jaqdi rwol ewlieni fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, inkluż permezz tal-konklużjoni ta' dikjarazzjonijiet konġunti, pjanijiet ta' azzjoni, jew memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali u entitajiet bħal kumpaniji privati tat-tbajhir, servizzi postali, awtoritajiet tal-portijiet u tal-ajruporti, u kumpaniji tas-sigurtà privati, iżda wkoll bil-promozzjoni u l-infurzar ta' miżuri kontra l-korruzzjoni f'dan il-kuntest.
9. Djalogu mill-qrib bejn l-infurzar tal-liġi u l-industrija tal-portijiet, li jinkludi lill-uffiċjali tas-sigurtà tal-faċilità tal-port ta' operaturi ta' terminals privati, biex tissaħħaħ l-istampa komuni tas-sitwazzjoni u jiġu ffaċilitati reazzjonijiet koordinati u komplementari.
10. Kooperazzjoni operattiva msaħħa bejn l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà tal-port fiż-żoni tal-port, inkluż bl-użu ta' kumitati għas-sigurtà tal-portijiet kull meta dawn ikunu jeżistu.
11. Kooperazzjoni msaħħa mal-universitajiet u s-settur privat biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda biex jiżiedu l-kapaċitajiet tal-kxif ta' vjeġġi ta' drogi illeċiti.

12. Kooperazzjoni msaħħa mas-settur privat biex jiġu żviluppati u implimentati teknoloġiji innovattivi għall-kxif u d-deterrenza tat-traffikar tad-drogi minn ċentri loġistiċi. Dik il-kollaborazzjoni tista' tinkludi l-użu, fost affarijiet oħra, ta' skanners tal-kontejners mobbli bir-raġġi X installati f'terminals friskju, l-Intelliġenza Artifiċjali biex jiġu analizzati immaġnijiet skenjati mid-dwana jew jiġu ssimplifikati l-ġbir u l-ipproċessar ta' data elettronika minn trasportaturi marittimi fi ħdan is-sistema nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-portijiet.

- Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tul il-katina tal-provvista tad-drogi

13. L-adozzjoni ta' kodiċi ta' etika u kondotta applikabbli għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi esposti għar-riskji ta' korruzzjoni assoċjati mad-dmirijiet tagħhom.
14. It-tnaqqis tar-riskju ta' korruzzjoni għall-uffiċjali u ż-żieda tal-probabbiltà li tinkixef imġiba devjanti billi titrawwem il-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji fiċ-ċentri loġistiċi.
15. Programmi regolari ta' edukazzjoni u taħriġ għall-infurzar tal-liġi, inkluż struzzjonijiet dwar l-identifikazzjoni ta' individwi li jistgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà fiċ-ċentri loġistiċi.
16. Il-protezzjoni tal-informaturi fil-komunità tal-infurzar tal-liġi u fis-settur privat, inkluż il-forniment ta' proċeduri ta' żvelar ta' informazzjoni jew sistemi ta' rapportar anonimi biex il-ħaddiema tal-port ikunu jistgħu jirrapportaw attivitajiet suspettużi b'mod anonimu.
17. Skrinjar regolari u rotazzjoni ta' uffiċjali f'pożizzjonijiet vulnerabbli (eż. dawk li joperaw f'ċentri loġistiċi) biex jiġi evitat l-istabbiliment ta' rabtiet ma' gruppi tal-kriminalità organizzata.
18. Analiżi tal-fatturi u r-riskji ta' korruzzjoni mwettqa flimkien mas-suq illeċitu, inkluż valutazzjoni mmirata tal-infiltrazzjoni f'oqsma tal-loġistika sensittivi.
19. L-adozzjoni ta' proċeduri ta' skrinjar li jippermettu kontrolli tal-isfond tal-impjegati f'ċentri loġistiċi u li jirrikjedu ċertifikat ta' kondotta tajba għall-impjieg tagħhom. Projbizzjoni tal-impjieg ta' kriminali kkundannati u ta' dawk li huma suspettati fi proċedimenti relatati mad-drogi f'ċentri loġistiċi.
20. L-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni għall-impjegati tas-settur privat f'ċentri loġistiċi, immirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-infiltrazzjoni u l-korruzzjoni. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' mġiba etika, it-tneħħija tal-mit li wieħed jaqla' flus faċli bil-kriminalità, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-perikli tal-involviment ma' gruppi kriminali (eż. sanzjonijiet kriminali, vjolenza estrema tan-networks kriminali), u l-enfasi fuq l-importanza tar-rapportar ta' attivitajiet suspettużi.
21. Stabbiliment ta' tim iddedikat bejn diversi aġenziji b'mandat li jinvestiga każijiet allegati ta' tixħim u korruzzjoni li jaffettwaw l-integrità taċ-ċentri loġistiċi.